**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 15 ta` Lulju 2019**

**Rik. Gur. Nru. 926/2017 JZM**

**Carmel Attard**
**K.I. 658949M**

**Maria Concetta Attard**
**K.I. 596054M**

***kontra***

**L-Avukat Dr. Victor Bugeja LL.D. u l-Prokuratur Legali Noel Scerri li b`bigriet tat-28 ta` Dicembru 2017 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Abdel Madjid Feckeur**

***u***

**b`digriet tal-10 ta` Mejju 2018 gew estromessi l-kuraturi**

**deputati nominati bid-digriet tat-28 ta` Dicembru 2017 u Dr Philip Manduca (I.D. 338860M) gie awtorizzat bhala mandatarju tal-assenti Abdel Madjid Feckeur**

**u**

**b`digriet tat-22 ta` Mejju 2018 giet kjamata fil-kawza Spinola Development Company Limited (C331)**

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezentat il-kjamata fil-kawza fid-9 ta` Mejju 2019 a fol 226 sa 228 tal-process.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Mejju 2019.

Rat ir-risposta tal-atturi tal-21 ta` Mejju 2019.

Rat ir-risposta tal-kjamat fil-kawza tat-23 ta` Mejju 2019.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Mejju 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet li saru fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2019.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn ir-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

Rat ukoll l-Art 728 et seq tal-Kap 12.

**Ikkunsidrat :**

Dik attrici hija azzjoni dwar *culpa aquiliana* fejn l-atturi talbu mill-qorti dikjarazzjoni ta` responsabilita` tal-konvenut noe ghal danni li garrbu fil-fond taghhom. It-talbiet l-ohra huma kollha relatati u/jew konsegwenzjali ghal din it-talba.

Il-konvenut noe jichad kull responsabilita` ghad-danni attrici ghaliex isostnu li r-responsabilita` tispetta lill-kjamata fil-kawza.

Fost eccezzjonijiet ohra, il-kjamata fil-kawza tikkontesta l-pretensjonijiet attrici billi tghid illi m`ghandhiex relazzjoni guridika mal-atturi ghaliex ma kkagunat l-ebda danni lill-atturi.

**Ikkunsidrat :**

Il-kjamata fil-kawza qeghda titlob li tipprezenta risposta ulterjuri abbazi ta` difizi relatati mal-garanziji naxxenti mill-kuntratt ta` bejgh li jaghti venditur lil xerrej senjatament il-garanzija kontra difetti mohbija.

**Ikkunsidrat :**

Il-parametri tal-azzjoni huma stabbiliti minn min jippromwovi l-azzjoni u cioe` l-atturi.

Il-konvenut u l-kjamata fil-kawza wiegbu ghall-azzjoni kif delineata mill-atturi.

Meta jkun il-waqt, u cioe` wara li jkunu ngabru l-provi kollha, il-Qorti taghti decizjoni dwar dak li talbu l-atturi skont il-kawzali li

fuqhom sawru l-azzjoni taghhom, u wara li tkun qieset l-eccezzjonijiet li jkunu nghataw ghall-azzjoni kif promossa mill-atturi.

B`dak li qed jintalab mill-kjamata fil-kawza, il-kawza tohrog ghal kollox barra mill-parametri determinati mill-atturi.

Fil-kawza kif intavolata mill-atturi ma hemm l-ebda pretensjoni da parti taghhom kontra hadd naxxenti mill-kuntratt ta` bejgh li bih akkwistaw il-fond taghhom.

Kull qorti ghandha d-dmir li ma tippermettix caqlieq fit-termini tal-azzjoni b`tali mod li tkun hija stess li tikkaguna konfuzjoni tali illi hadd ma jkun jaf x`qieghed jirreklama u lanqas ikun jaf kontra xiex ikun qieghed jiddefendi ruhu.

Ghaliex hija geluza li tikkonserva mill-bidu sal-ahhar il-parametri tal-azzjoni, anke din il-Qorti sejra taghmel dan.

Ma ssibx li hemm ness legali bejn r-risposta ulterjuri li talbet li tipprezenta l-kjamata fil-kawza u l-azzjoni kif tentata mill-atturi.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-kjamata fil-kawza, kif dedotta fir-rikors taghha tad-9 ta` Mejju 2019 a fol 226 sa fol 228 tal-process, spejjez ghall-kjamata fil-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**